

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Lulju 2012

li taħtar tliet membri Taljani u membru supplenti Taljan tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/405/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE <sup>(1)</sup> u 2010/29/UE <sup>(2)</sup> li jahtaru l-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Wara tmiem il-mandat tas-Sur Graziano MILIA, is-Sur Riccardo VENTRE u s-Sinjura Marta VINCENZI saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Wara tmiem il-mandat tas-Sinjura Laura ARDITO sar vakanti siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Huma b'dan maħturin membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jibqa' għaddej sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

— is-Sur Piero LACORAZZA, *Presidente della Provincia di Potenza*

— is-Sur Piero FASSINO, *Sindaco del Comune di Torino*

— is-Sur Mauro D'ATTIS, *Consigliere del Comune di Brindisi*

u

(b) bħala membru supplenti:

— is-Sinjura Lucia LIBERTINO, *Consigliere del Comune di Formicola*.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

S. ALETRARIS

<sup>(1)</sup> ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.